# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Marzu 2016**

**Numru 3**

**Rikors numru 70/11 AL**

**Francis Enriquez**

**v.**

**Sylvia Enriquez**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fid-9 ta' April 2015, li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi cahdet it-talba tal-attur ghal riduzzjoni fir-rata ta'

alimenti pagabbli lil martu sabiex ir-rata tkun tirrifletti in linea mal-qaghda finanzjarja taz-zewg kontendenti.

2. Permezz tal-appell odjern l-attur qed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata billi din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tirriduci r-rata ta' alimenti pagabbli mill-attur lill-konvenuta u konsegwentement tordna lill-istess attur ihallas dik ir-rata hekk likwidata minn dina l-Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

3. Min-naha taghha l-konvenuta ma ipprezentatx risposta ghar-rikors tal-attur.

L-Appell

4. L-aggravju tal-attur, li huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, hu fis-sens li dik il-Qorti ma ghamlitx ezami approfondit tal-provi imressqa u waslet ghall-konkluzjoni li tichad it-talbiet tieghu fuq tlett konsiderazzjonijiet: [1] li meta l-attur kien waqaf jiehu l-pensjoni tal-invalidita` u waqa' fuq pensjoni taz-zewg terzi, id-dhul tieghu baqa` l-istess jekk mhux zdied, [2] li huwa kien ippercepixxa somma kapitali ta' aktar minn €40,000 meta biegh sehemu mid-dar konjugali lil tnejn mit-tfal tieghu u [3] li mill-banda l-ohra l-intimata ma ghandhiex impjieg u pensjoni.

5. L-attur jissottometti li b'tali konsiderazzjonijiet ristretti, l-Ewwel Qorti injorat provi rilevanti ghall-kaz u dan apparti li ma kinitx korretta u gusta meta evalwat id-dhul taz-zewg nahat. Jghid li, ghalkemm huwa minnu li l-konvenuta ma ghandhiex impjieg, mhux minnu li ma ghandha ebda pensjoni jew dhul iehor mill-Gvern ta' Malta; dan jirrizulta mix-xiehda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Il-Qorti kellha taghmel analizi dettaljat tal-kontenut tad-dokumenti kollha esebiti, u minfejn kellu jirrizultalha li, filwaqt li d-dhul globali tieghu naqas mas-snin, dak tal-intimata baqa' dejjem jizdied.

6. Isostni wkoll illi huwa fatt inkontestat li, meta l-Qorti kienet ippronunzjat is-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti, kienet ikkalkolat ir-rata ta' manteniment pagabbli a bazi taz-zewg pensjonijiet li kien qed jircievi l-attur, li huma dik tad-Drydocks u dik tal-invalidita`, filwaqt li l-konvenuta kienet qed tircievi biss xi beneficcji socjali inkluz tal-mard. Izda, kif jirrizulta mill-provi, minn min-nofs is-sena 2003 is-sitwazzjoni tieghu inbidlet drastikament stante li hu beda jircievi biss il-pensjoni taz-zewg terzi li minnha beda jitnaqqaslu l-manteniment tal-mara. Ghalhekk is-sitwazzjoni giet tali li l-konvenuta mhux biss ghandha introjtu daqs zewgha izda adirittura bdiet iddahhal u taqla' flus aktar mill-istess attur.

7. Jissenjala wkoll li, filwaqt li hu ghandu certu spejjez bhal ma huma kera, spejjez medici u ohrajn tal-hajja ta' kuljum, il-konvenuta ma

ghandhiex spejjez partikolari, stante li baqghet tghix fid-dar matrimonjali u ilha sa mill-2000 tircievi beneficcju ghall-mard. Jghid li, ghalkemm hu ha somma kapitali rapprezentanti sehemu mid-dar matrimonjali, l-konvenuta baqghet propjetarja tan-nofs l-iehor filwaqt li baqghet tabita fil-post kollu minghajr il-htiega li taghmel spejjez ghall-akkomodazzjoni taghha.

Is-Sentenza Appellata

8. L-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex tvarja sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Ottubru 2000[1], u li permezz taghha l-attur gie ordnat ihallas is-somma ta' Lm100, illum ekwivalenti ghal €232.93 fix-xahar, liema manteniment ghandu joghla f'kaz li toghla xi wahda mill-pensjonijiet percepibbli mill-istess attur u dan bir-rata ta' nofs l-ammont ta' tali zieda u dan abbazi ta' bdil ta' cirkustanzi finanzjarji tieghu.
>
> "Min-naha taghha l-intimata topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti b'dan li tikkontendi li ma kien hemm ebda varjazzjoni fid-dhul tar-rikorrent. Anzi zzid tghid li huma l-bzonnijiet taghha li zdiedu.
>
> "**Il-Verzjoni tar-Rikorrenti**
>
> "Permezz tal-affidavit tieghu[2], ir-rikorrent jghid li fiz-zmien li inghatat is-sentenza tas-separazzjoni, kellu dhul ta' zewg pensjonijiet u cioe' dik tad-Dockyard u ohra tal-invalidita u li tali pensjonijiet ittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti li tat l-istess sentenza. Jghid li madwar tmien (8) snin ilu, inqatghetlu l-pensjoni tal-invalidita' u ghalhekk baqa' jghix biss mid-dhul tal-pensjoni tad-Dockyard. Jghid li ghalkemm id-dhul tieghu naqas, il-manteniment versu martu ghola peress li kellha tibbenefika min nofs iz-zidiet fil-pensjoni li jippercepixxi. Jipprezenta erba' dokumenti li permezz taghhom juri li l-intimata tircievi 45.70% tal-pensjoni *oltre allowances* u bonuses ohra. Jghid li martu ghandha

[1] Esebita a fol 4 tal-process
[2] Esebit a fol 23 tal-process

anqas spejjez minnu peress li hi baqghet tghix fid-dar matrimonjali (ghall-anqas sa' ftit ilu) filwaqt li hu jghix f'appartament bil-kera ghall-ammont ta' €163 fix-xahar. Jghid li sehemu gie mibjugh lil zewg uliedu b'dan li l-mara ghadha toqghod fl-istess dar b'xejn. Jghid ukoll li filwaqt li martu qieghda tibbenefika mill-ghajnuna legali, hu qed ikollu jirrikorri ghal avukat privat u jkollu jhallas l-ispejjez relattivi. Huwa fil-kuntest ta' dan kollu li r-rikorrent ihoss li l-manteniment dovut lil martu ghandu jigi rivedut sabiex jirrifletti b'mod proporzjonali t-tibdil negattiv fil-qaghda finanzjarja tieghu.

"Sussegwentement permezz tax-xiehda tieghu datata s-27 ta' Settembru 2012[3] jiddikjara li apparti l-kera tal-appartament fejn jghix, ihallas l-ispejjez tad-dawl u l-ilma u l-ispejjez tal-hajja pero' jiddikjara li m'ghandux *loans*. Jghid li mill-pensjoni tieghu, wara li jinqata' dak li hu dovut lill-intimata, jibqalu s-somma ta' €414 kull erba' (4) gimghat. Jghid li ma jafx xi dhul ghandha martu *oltre* l-pensjoni, izda jghid li tircievi xi beneficcju ghall-mard ghalkemm jghid li ma jafx jekk tbatix minn xi mard jew kondizzjoni peress li qabel ma ntavola l-kawza odjerna, ma kellimhiex dwar dan. Jghid li d-dar matrimonjali kienet ser tinbiegh bis-subbasta izda mbaghad tnejn minn uliedu xtraw sehemu ghall-ammont ta' €47,000.

"In kontro-ezami mbaghad[4] l-attur jghid ilu ma jahdem snin kbar u li ghalkemm jaf min hi Mrs. Cilia li gie ssuggerit lilu li hadmilha xi xoghol, l-attur jinsisti li dan mhux minnu. Mistoqsi fuq xi xogholijiet li saru fil-blokka fejn jghix, jghid li dan ghamlu hu izda ma thallasx tieghu, hlief l-ispejjez.

"**<u>Il-Verzjoni tal-Intimata</u>**

"Permezz tal-affidavit taghha[5] l-intimata tghid li zewgha ghadu jahdem ghand certu Mrs. Cilia mir-Rabat (Malta) kif ukoll ghand *hairdresser* minn Santa Venera. Tghid li fil-verita' mhux minnu li l-appartament fejn jghix l-attur ihallas il-kera tieghu, peress li dan l-appartament fil-verita' huwa tieghu b'dan li ghamlu fuq isem huh sitt (6) xhur qabel ma inqatghet is-sentenza tas-separazzjoni. Dwar tali appartament hemm kawza pendenti li fiz-zmien li sar l-affidavit imsemmi, kienet assenjata quddiem l-Onorabbli Imhallef Dr. Farrugia Sscco, illum irtirat.

"Tghid li kienet hi li baqghet fid-dar matrimonjali b'dan li sehemu r-rikorrenti hadhom fi flus – fl-ammont ta' €51,000 peress li sehemu xtrawh uliedhom. Tghid li ma kkwalifikax ghall-ghajnuna legali peress li ghandu l-proprjeta' kif ukoll wiret. Taghlaq billi tghid li mhux gust li jitnaqqsilha l-manteniment meta zewgha ghandu l-privileggi filwaqt li hi m'ghandha xejn.

[3] Ara a fol 40 tal-process
[4] Ara s-seduta tas-16 ta' Settembru 2013 a fol 145 tal-process
[5] Esebit a fol 139 tal-process

"In kontro-ezami mbaghad, mistoqsija dwar x'kien jippercepixxi zewgha, tghid li probabilment kien qed jithallas mid-Dockyard peress li l-flus tal-manteniment kienet tircevihom permezz ta' cedoli mid-Dockyard li kienu jigu depositati l-Qorti. Tikkonferma li d-dhul taghha huwa dak li xehed dwaru r-rapprezentant tas-social services.

"**Il-Provi Migbura**

"Illi mid-dokument anness mal-affidavit tar-rikorrent[6] jirrizulta li l-introjtu tal-intimata minn beneficcji, *allowances* u pensjonijiet jammontaw ghal €2896.64 filwaqt li minn Dok. FE5[7] ir-rikorrent jikkontendi li l-intimata tircievi s-somma ta' €83.97 fil-gimgha jew is-somma ta' €4366.44 fis-sena.

"Issir referenza ghax-xiehda ta' Ivan Cilia in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li jesebixxi dokument[8] li juri r-rata ta' beneficcju ta' kull gimgha tal-beneficcju tal-invalidita' li kien elegibbli ghaliha r-rikorrent mill-1 ta' Jannar 2000 sal-4 ta' Lulju 2003, liema beneficcju kien percepit fl-intier tieghu mill-istess rikorrent. Jghid li imbaghad f'Lulju 2003, r-rikorrent beda jippercepixxi l-pensjoni ta' zewg terzi peress li kien lahaq l-eta' tal-pensjoni. Ir-rati pagati huma indikati f'Dok. DSS2[9]. Ix-xhud izid jghid li mis-6 ta' Dicembru 2003, il-beneficcju indikat f'Dok. DSS2 beda jigi percepit ukoll minn martu. Permezz tax-xiehda tieghu datata d-19 ta' Frar 2013[10] imbaghad jipprezenta Dok. DSS3[11] li huwa set ta' dokumenti rigward l-attur b'prospett ta' beneficcji li bbenefika minnhom l-istess attur mis-sena 2000 sal-15 ta' Marzu 2013. Imbaghad permezz tax-xiehda tieghu datata l-24 ta' April 2013, l-istess xhud jipprezenta dokument li permezz tieghu jigi indikat x'beneficcji ppercepiet l-intimata mis-sena 2000 sal-10 ta' Mejju 2013[12].

"Permezz tax-xhieda tieghu Michael Enriquez[13] jikkonferma li l-attur huh ihallas is-somma ta' Lm70 fix-xahar bhala kera u li tali kera qatt m'gholiet. Jikkonferma r-ricevuti ghall-istess kera, inkluza l-ewwel ricevuta[14] u l-ahhar zewg ricevuti[15] b'dan li jaghraf il-firma tieghu ukoll.

"Grace Micallef[16] in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Tezor tghid li r-rikorrent ma jibbenefikax minn pensjoni li tohrog mit-Tezor.

---

[6] Ara Dok. FE3 esebit a fol 26 tal-process
[7] Esebit a fol 28 tal-process
[8] Ara Dok. DSS1 esebit a fol 51 tal-process
[9] Ara a fol 52 tal-process
[10] Ara a fol 63 tal-process
[11] Esebit a fol 64 tal-process
[12] Ara Dok. DSSX esebit a fol 86 tal-process
[13] Ara a fol 47 tal-process
[14] Ara Dok. ME1 a fol 54 tal-process
[15] Ara Dok. ME2 a fol 55 tal-process
[16] Ara x-xhieda taghha datata d-19 ta' Frar 2013 a fol 62 tal-process

"Ivan Borg in rapprezentanza tal-Malta Shipyards Limited jikkonferma li l-attur kien jahdem mal-istess kumpanija (llum ghaddejja minn proceduri ta' stralc) mis-sena 1999 sas-sena 2003 u li l-istess attur kien jircievi pensjoni mill-istess Drydocks. Jesebixxi Dok. MS1[17] u cioe' set ta' FS3s ghal kull sena relattiva u cioe' mill-1999 sal-2003.

"L-intimata tipprezenta prospett tal-ispejjez li hija ghandha fix-xahar u dokumenti relatati mal-medicini u visti medici[18] u li permezz tieghu tikkontendi li ghandha spejjez ta' madwar €493 fix-xahar inkluzi medicini, visti ghand it-tabib, dawl u ilma, telefon, ħajja kif ukoll hwejjeg u bzonnijiet. Sussegwentement permezz ta' nota ohra[19] l-intimata tipprezenta wkoll tliet (3) dokumenti ta' ricevuti relatati mas-sahha filwaqt li waqt is-seduta datata l-20 ta' Novembru 2014 l-istess intimata tipprezenta dokument mahrug minn DaVinci Hospital li juri li ntefaq l-ammont ta' €71 ghal *mammogram and breast US*.

"Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Mary Cilia[20] li tghid li ilha taf lill-attur ghal madwar hames (5) jew sitt (6) snin izda lill-intimata ma tafhiex. Tghid li l-attur gieli wahhlilha xi vit jew xi nkwatru u ma jitlobhiex flus izda hi tpattilu mod iehor. Darba mar biex jaqbdilha gurdien u huwa dan it-tip ta' xoghol li jaghmlilha. Apparti dawn li ssemmi x-xhud, tghid li m'ghamlilha ebda xoghol iehor fid-dar taghha. Tghid li gieli jiehdu t-te flimkien. Jiltaqghu madwar darbtejn jew tliet darbiet f'xahar izda ma zzommx amment. Tikkonferma li qatt ma ghaddiet pagamenti lill-attur ghaliex hu qalilha li ma riedx flus.

"**Il-Mertu tal-Kaz Odjern**

"Il-bazi tat-talba attrici huwa l-Artikolu 54(9) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

> "***Meta jkun hemm bdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-qorti tista' fuq talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz***".

"Ir-rikorrent jghid li miz-zmien li inghatat is-sentenza 'l hawn, l-introjtu tieghu naqas peress li dak iz-zmien kellu zewg pensjonijiet filwaqt li issa ghandu pensjoni wahda. Mill-provi jirrizulta li l-pensjoni tal-invalidita' li kellu r-rikorrent waqfet fis-sena 2003. Pero' jrid jinghad li mid-dokumentazzjoni li tressqet fil-mori tal-kawza, fosthom dawk esebiti mir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, jirrizulta li filwaqt li meta r-rikorrent kien jiehu l-pensjoni tal-invalidita' (per ezempju fis-sena 2000) kellu introjtu ta' €3110.50[21], fis-snin ta' wara u cioe' meta tali pensjoni waqfet izda minflok beda jippercepixxi l-

[17] Ara a fol 100 tal-process
[18] Ara n-nota tal-intimata datata l-11 ta' Settembru 2013 esebita a fol 109 tal-process
[19] Datata l-21 ta' Ottubru 2014 esebita a fol 168 tal-process
[20] Datata l-11 ta' Marzu 2014 esebita a fol 161 tal-process
[21] Ara a fol 64 tal-process

pensjoni ta' zewg terzi, l-introjtu tieghu fil-verita' ghola. Ezempju fis-sena 2004 u cioe' l-ewwel sena wara li waqfet il-pensjoni tal-invalidita', l-introjtu tieghu kien dak ta' €5891.48[22]. Ghalhekk jirrizulta b'mod car li l-introjtu tar-rikorrent (minkejja li veru li waqfitlu l-pensjoni tal-invalidita') ma naqasx. Abbazi ta' tali dokumentazzjoni flimkien mal-fatt li l-istess attur jikkonferma li ha sehemu mid-dar gia matrimonjali, *stante* li sehemu inbiegh u inghata s-somma ta' aktar minn erbghin elf Euro (€40,000)[23], u abbazi tal-fatt li l-intimata m'ghandhiex impjieg u m'ghandhiex pensjoni, l-qorti thoss li m'huwiex ekwu u gust li l-manteniment taghha jigi ridott.

"Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Joanne Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone**[24] fejn ragel li ma kellux il-mezzi sabiex jghajjex lilu nnifsu jew li jmantni lil haddiehor, gie kkundannat ihallas kwantu ghal nofs dak li jippercepixxi bhala ghajnuna socjali. Tenut kont tal-fatt li r-rikorrent jirrizulta li l-uniku introjtu li ghandu huwa dak mill-pensjoni (u dan stante li minkejja allegazzjonijiet da parti tal-intimat li r-rikorrent jaghmel xoghol iehor, dan certament ma giex pruvat), il-qorti tara li l-manteniment hekk kif stabbilit mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili huwa wiehed gust fic-cirkustanzi kollha tal-kaz u li m'hemm ebda lok sabiex dan jigi mibdul."

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Fl-ewwel lok jigi ribadit illi *"l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' rivizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji, jew li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha [App.C. Emanuel Cardona et vs Dr.Graham Busuttil, deciz 10 Jannar 1995]. Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal- apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel*

[22] Ara a fol 68 tal-process
[23] Stante li m'hemmx qbil dwar kemm ezattament ha r-rikorrent pero' c-cifri msemmija miz-zewg partijiet jindikaw li ghall-anqas l-ammont ta' €40,000 gie percepit minnu ghal sehemu mill-istess dar
[24] Citazzjoni Numru 545/1996 PS

*Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta". [App.S. Paul Formosa v Salvu Debono, deciz 5 Ottubru 2001]"*[25]

10. Kif tajjeb ritenut mill-Ewwel Qorti, din hija azzjoni ibbazata fuq l-Artikolu 54(9) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

> "Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista' fuq talba ta' kull wahda mill-partijiet tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-kaz..."

11. Din il-Qorti tosserva illi jinsab assodat fil-gurisprudenza patria li iktar milli bdil fic-cirkostanzi b'mod generali, it-test dwar jekk ghandux jigi ridott manteniment stabbilit lill-wiehed mill-konjugi jirrikjedi ezami komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom.[26]

12. Dwar il-mertu tal-aggravju, jew ahjar il-kontestazzjoni illi jezistu l-elementi sabiex ir-retta alimentari pagabbli mill-attur lil martu tigi ridotta biex tkun tirrifletti tassew il-qaghda finanzjarja tal-kontendenti, din il-Qorti tikkonsidra opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet.

---

[25] App. **Moviment Azzjoni Socjali vs Noel Borg**, 18/7/2014
[26] Ara fost ohrajn, App.C. Edward Galea vs Josephine Galea 15.ta' Mejju 1998

13. Jirrizulta pacifiku li fid-data tas-sentenza ta' separazzjoni bejn il-partijiet, it-18 ta' Ottubru 2000, fejn giet stabbilita r-retta alimentarja pagabbli lill-konvenuta, l-attur kien jippercepixxi zewg pensjonijiet, dik tad-Drydocks skont l-*early retirement plan*, kif ukoll il-pensjoni tal-invalidita. Jirrizulta mix-xhieda ta' Ivan Cilia,[27] rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, illi fl-2003 l-attur ghalaq l-eta` pensjonabbli u allura beda jiehu l-pensjoni taz-zewg terzi, filwaqt li ma baqax jircievi l-beneficcju tal-invalidita`.

14. Fir-rikors tal-appell tieghu, l-attur isostni illi minn nofs is-sena 2003 'il quddiem, is-sitwazzjoni finanzjarja taz-zewg partijiet inbidlet u, filwaqt li d-dhul globali tieghu naqas mas-snin, id-dhul tal-konvenuta baqa' jizdied gradwalment.

15. Mid-dokumenti ipprezentati mix-xhud Ivan Cilia [a fol 64 et seq], kif ukoll mid-dokumenti ipprezentati minn Ivan Borg, rapprezentant tal-Malta Shipyards Limited a fol 100 et seq jirrizultaw lil din il-Qorti s-segwenti kostatazzjonijiet ta' fatt dwar id-dhul tal-attur, mis-sena 2000 sas-sena 2012 illi hija l-ahhar sena bazi <u>shiha</u> li taghha gew ipprezentati d-dokumenti.

- Fis-sena 2000, id-dhul tal-attur kien ta' €3,110.50 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta`

[27] Fol 46 et seq

Socjali[28] flimkien ma' €3453.38 rapprezentanti l-pensjoni mill-Malta Drydocks[29] b'total ta' €6563.88[30].

- Fis-sena 2001, id-dhul tal-attur kien ta €3379.02 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[31] flimkien ma' €3336.39 rapprezentanti l-pensjoni mill-Malta Drydocks[32] b'total ta' €6715.41.

- Fis-sena 2002, id-dhul tal-attur kien ta' €3491.53 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[33] flimkien ma' €3475.04 rapprezentanti l-pensjoni mill-Malta Drydocks[34] b'total ta' €6966.57.

- Fis-sena 2003, id-dhul tal-attur kien ta' €3676.75 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[35] flimkien ma' €1899.18 rapprezentanti l-pensjoni mill-Malta Drydocks[36], pro rata sakemm ghalaq l-eta` pensjonabbli, b'total ta' €5575.93.

---

[28] Dok DSS 3 a fol 64
[29] Dok MS 1 a fol 101
[30] Mhux €3110.50 kif stabbilit l-ewwel qorti f'pagna 8 tas-sentenza appellata
[31] Dok DSS 3 a fol 65
[32] Dok MS1 a fol 102
[33] Dok DSS 3 a fol 66
[34] Dok MS1 a fol 103
[35] Dok DSS 3 a fol 67
[36] Dok MS 1 a fol 104

- Fis-sena 2004, id-dhul tal-attur kien ta’ €5891.48 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[37].

- Fis-sena 2005, id-dhul tal-attur kien ta’ €5719.66 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[38].

- Fis-sena 2006, id-dhul tal-attur kien ta’ €5854.75 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[39].

- Fis-sena 2007, id-dhul tal-attur kien ta’ €5109.30 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[40].

- Fis-sena 2008, id-dhul tal-attur kien ta’ €5298.02 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[41].

- Fis-sena 2009, id-dhul tal-attur kien ta’ €5605.10 rapprezentanti

[37] Dok DSS 3 a fol 68
[38] Dok DSS 3 a fol 69
[39] Dok DSS 3 a fol 70
[40] Dok DSS 3 a fol 71
[41] Dok DSS 3 a fol 72

beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[42].

- Fis-sena 2010, id-dhul tal-attur kien ta' €5983.13 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[43].

- Fis-sena 2011, id-dhul tal-attur kien ta` €6179.23 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[44].

- Fis-sena 2012, id-dhul tal-attur kien ta' €6461.89 rapprezentanti beneficcji, allowances u pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali[45].

16. Dwar id-dhul tal-konvenuta, jirrizulta mir-rendikont prezentat mir-rapprezentant tad-Dipartiment, liema rendikont jinkludi wkoll id-dhul mill-manteniment percepit minnha minghand zewgha abbazi tal-pensjoni tieghu taz-zewg terzi, li fil-perijodu relevanti, jew ahjar mill-2003[46] sas-sena 2012, il-konvenuta ppercepiet is-segwenti.[47]

[42] Dok DSS 3 a fol 73
[43] Dok DSS 3 a fol 74
[44] Dok DSS 3 a fol 75
[45] Dok DSS 3 a fol 76
[46] Sena li fiha l-attur qed jallega kambjament fis-sitwazzjoni finanzjarja tieghu.
[47] A fol 84-85

- Fis-sena 2003 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €4253.36, li minnu l-ammont ta' €1565.20, jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha, pro rata mid-data tal-gheluq tal-eta` pensjonabbli tieghu[48].

- Fis-sena 2004 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €5836.56, li minnu l-ammont ta' €4244.66 jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha[49].

- Fis-sena 2005 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €6348.58, li minnu l-ammont ta' €4265.35 jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha[50].

- Fis-sena 2006 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €7188.27, li minnu l-ammont ta' €4366.49 jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha[51].

- Fis-sena 2007 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €5857.76, li minnu l-ammont ta' €4437.37 jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha[52].

[48] Dok DSS X a fol 89
[49] Dok DSS X a fol 90
[50] Dok DSS X a fol 91
[51] Dok DSS X a fol 92
[52] Dok DSS X a fol 93

- Fis-sena 2008 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €6199.96, li minnu l-ammont ta' €4366.44 jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha[53].

- Fis-sena 2009 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €6703.08, li minnu l-ammont ta' €4366.44 jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha[54].

- Fis-sena 2010 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €7065.50, li minnu l-ammont ta' €4366.44 jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha[55].

- Fis-sena 2011 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €7328.53, li minnu l-ammont ta' €4366.44 jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha[56].

- Fis-sena 2012 il-konvenuta ippercepiet l-ammont totali ta' €7454.70, li minnu l-ammont ta' €4366.44 jirrapprezenta l-manteniment minghand zewgha[57].

---

[53] Dok DSS X a fol 94
[54] Dok DSS X a fol 95
[55] Dok DSS X a fol 96
[56] Dok DSS X a fol 97
[57] Dok DSS X a fol 98

17. Minn dawn il-kostatazzjonijiet ta' fatt, din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet ulterjuri.

18. [A] Li l-ewwel Qorti ma kellhiex tillimita l-ezami taghha ghas-snin 2003 u 2004 indikati minnha fis-sentenza, izda kellha tifrex l-ezami taghha sa fejn iwasslu d-dokumenti ezebiti jigifieri sas-sena 2012 minn fejn allura kellu jirrizulta car li, ghalkemm fis-sena 2003 kien hemm kambjament fil-qaghda finanzjarja tal-attur ghax minflok zewg pensjonijiet beda jippercepixxi pensjoni wahda biss, dik taz-zewg terzi, id-dhul tal-attur baqa' jvarja tul is-snin, sakemm ghall-ahhar sena bazi shiha li dwarha gietipprezentata dokumentazzjoni, dik tal-2012, huwa ircieva l-ammont ta' €6461.89, li huwa ftit inqas minn dak li kien jippercepixxi qabel l-2003. Mill-banda l-ohra, id-dhul tal-konvenuta zdied konsiderevolment tul is-snin, sakemm mis-sena 2005 'il quddiem, id-dhul taghha beda jissupera dak tal-attur u dan kagun ta' diversi fatturi fosthom dak li s-s-somma ta' LM100 [illum €232.94] stabbilita mill-ewwel Qorti bhala r-retta alimentari dovuta minnu lill-konvenuta kull xahar, kienet tizdied kull meta jkun hemm zieda f'xi wahda mill-pensjonijiet li jippercepixxi l-konvenut, b'nofs l-ammont ta' tali zieda[58].

19. Filfatt mill-provi jirrizulta illi bejn is-sena 2008 u s-sena 2012, il-manteniment percepit fis-sena mill-konvenuta kien ta' €4366.44[59]. Dan

[58] PA Sylvia Enriquez pro et noe vs Francis Enriquez, 18 ta' Ottubru 2000
[59] Dok DSS X a fol 98

isarraf f'€363.87 fix-xahar, li hija somma oghla minn dik ta' €232.94 stabbilita originarjament mill-Qorti fis-sentenza ta' separazzjoni tal-partijiet.

20. [B] Fid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-attur kien ircieva somma ta' iktar minn erbghin elf Euro (€40,000)[60] meta biegh sehemu mid-dar konjugali liz-zewg uliedu. Din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt illi l-attur kellu jibda jhallas kera sabiex isib residenza ohra[61], filwaqt li l-konvenuta kienet baqghet propjetarja tan-nofs taghha tad-dar matrimonjali u fl-istess hin baqghet tghix fl-istess dar minghajr ma kellha ghalfejn tinkorri spejjez ghall-akkomodazzjoni taghha, dak il-fatt ma kellux jinghata piz fid-determinazzjoni tal-validita` o meno tal-pretensjoni tal-attur ghar-riduzzjoni tal-manteniment, bazata fuq il-mezzi tal-partijiet u l-bzonn da parti tal-konvenuta.

21. Mill-banda l-ohra, rigward l-ispejjez medici li l-konvenuta tghid li qeghda tinkorri[62], din il-Qorti tosserva illi l-istess konvenuta tippercepixxi mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali beneficcju tal-ghajnuna ghall-mard, li fis-sena 2012 lahhaq l-ammont ta' €1,213.87[63]. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-ispejjez medici tal-konvenuta ma ghandhomx ikunu ta' piz

[60] Pg 8 tas-sentenza appellata
[61] Vide xhieda ta' Michael Enriquez a fol 47 et seq u Dok ME 1 u ME 2 a fol 54 u 55 rispettivament
[62] Fol 109- 138 u fol 169 - 171
[63] Fol 98

fuq l-attur, li wara kollox ghandu l-ispejjez medici tieghu wkoll, meta hija qed tircievi beneficju sostanzjali ghall-mard, oltre xi beneficcji ohra kif jirrizulta mid-dokumenti prodotti mix-xhud Ivan Cilia.

22. Fid-dawl tal-premess u, b'mod partikolari l-introjtu annwali percepit mill-partijiet, din il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mill-analizi fuq riportata, sa mis-sena 2005 'il quddiem l-introjtu annwu percepit mill-konvenuta jissupera dak tal-attur u ghalhekk ghandu jkun car li fid-dawl tal-fattispecje tal-kaz odjern tezisti sitwazzjoni anomala fejn il-konjugi li hu obbligat ihallas manteniment skont il-mezzi tieghu u l-bzonn tal-konvenuta jippercepixxi anqas introjtu mill-persuna li hu obbligat imantni u, ghalhekk it-talba tal-attur hija fondata fil-fatt u fid-dritt.

23. Rigward il-*quantum* li bih ghandu jigi ridott il-manteniment attwalment imhallas mill-attur lil martu din il-Qorti taghmel is-segwenti komputazzjoni: tiehu l-introjtu komplessiv tal-partijiet separatament ghall-ahhar hames snin, jigifieri ghas-snin 2008 sa 2012 biex imbaghad tasal ghad differenza bejn dawn l-ammonti, liema avarija tigi diviza b'hamsa sabiex tohrog medja li turi kemm il-konvenuta hadet ammont aktar mill-attur fis-sena u sussegwentement tiddividi dan l-ammont f'zewg ammonti ugwali sabiex tasal ghal ammont mensili li bih ghandu jigi ridott il-manteniment attwali dovut lill-konvenuta.

| Attur | Konvenuta |
|---|---|
| 2008 - € 5,298.02 | €6,199.96 |
| 2009 - € 5,605.10 | €6,703.08 |
| 2010 - € 5,983.13 | €7,065.50 |
| 2011 - € 6,179.23 | €7,328.53 |
| 2012 - € 6,461.89 | €7,454.70 |
| Total €29,527.37 | €34,751.77 – €29,527.37 |
| | € 5,224.40 ÷ 5 = €1,044.88 ÷ 12 ÷ 2 = €43.5 |

24. Ghaldaqstant l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi b'mod li l-manteniment li fil-prezent qed ihallas l-attur ghandu jigi ridott mensilment bl-ammont ta' €43.50.

Decide

25. Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fejn cahdet it-talbiet attrici fl-intier taghhom u, minflok, tilqa' l-istess talbiet fis-sens li l-manteniment li fil-prezent qed jithallas mill-attur lill-konvenuta ghandu jigi ridott kull xahar bis-somma

ta' tlieta u erbghin euro hamsin centezmu [€43.50]. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom ikunu a kariku tal-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb